## KUNSILL LOKALI NADUR

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Sittax (16)

## It-Tlieta, 4 ta' Awissu 2020

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fil-4:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |
| Owen Buġeja | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**16.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Ma kien hemm ħadd assenti.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**16.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti**

Il-Minuti tal-Ħmistax (15) il-laqgħa tat-7 ta' Lulju, 2020 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv, Proponent:-Jean Paul Portelli u Sekondant:-Josef Camilleri.

**16.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;**

Is-Sindku ta' l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja.

Firmatorji tal-Bank APS- peress li l-APS kellhom xi dettalji tas-Segretarji tal-passat fuq is-sistema tagħhom is-Segretarja ser tibgħat update tas-Sindku prezenti kif ukoll tagħha biex ikun il-firmatorji. Kien hemm qbil fuq dan.

Varjazzjonijiet fuq it-Toroq Rurali: Kien hemm laqgħa mal-Perm Sec. Tal-Ministeru għal Għawdex biex jaraw fuq dawn il-pagamenti jekk jistgħux jgħinu jew le minn naħa tagħhom il-varjazzjonijiet. Is-Sindku għamel suġġeriment li l-Kunsill għandu iħallas lil Kuntrattur l-ammont ta' 20,000 euro imwarrba fl-accounts tal-Kunsill tal- Co-financing. Kien hemm qbil fuq dan u li jinħargu pagament ieħor fuq il-PPP. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri għamel suġġeriment li għandna noħorgu fil-fuljett li jmiss l-ammonti ta' kemm ħareg dan il-Kunsill fuq it-toroq tal-PPP.

Rural Roads Co-Financing: Il-Kunsill għadu qed jistenna konferma mil-Board tal-Co-financing dwar l-ammont li rridu nieħdu.

Il-Kunsill baqalu jirċievi €15,000 MGOZ tal-Karnival u €11,000 skema tal-Karnival.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**16.4. Quarterly Report April-June 2020;**

Għal din il-laqgħa kienet mistiedna l-Accountant tal-Kunsill. Wara diskussjoni fit-tul mal-Accountant dawn ġew approvati minn dawk kollha preżenti.

**16.5. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Żviluppi mill-Kunsilliera.**

***Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:***

16.5.1 ***Qtugħ ta' ħaxix*** – Dan sar fl-inħawi kollha tan-Nadur u l-widien.

16.5.2 ***Albums tar-ritratti*** – Dawn għadhom ma sarux.

15.5.4 ***Żviluppi wara Laqgħa mal-Ministru għal Għawdex:***

a. Triq l-Mgarr – F'din it-triq ser jibdew minn isfel u sadanittant qed jaraw kif ser jagħmlu minhabba l-grawnd.

b. Triq ta' Kenuna u Triq il-Madonna ta' Fatima – Triq il-Madonna ta' Fatima fadal biss li jsiru r-railings u ċ-ċint. Rigward Triq ta' Kenuna qed jistennew mingħand il-WSC.

c. Triq it-Tigrija u Triq il-Qala – Rigward dawn it-toroq saret talba formali fuqhom permezz ta' ittra lil MGOZ.

d. Triq ta' Daħlet Qorrot – Il-Kunsill qed jistenna l-istima mingħand il-Perit.

e. Il- BOQs tat-toroq residenzjali fin-Nadur – Is-Sindku innota li dawn huma lesti.

f. Ħaddiema fis-Siti ta' Attrazzjoni fin-Nadur – Sa issa għad m'hemmx risposta fuq dan.

g. Railings li jinsabu fi Triq ir-Rabat– Rigward dawn il-Kunsill qed jistenna mingħand il-MGOZ.

h. Latrina fil-Bajja ta' San Blas – Is-Sindku talab lil perit tal-Kunsill biex jagħmel pjanta u qed nistennew mingħand il-Perit.

i. Child Care Centre u Dar ta' l-Anzjani – Din għalissa pending minħabba l-COVID-19.

16.5.5 ***Bolovostri fi Triq ir-Rabat-*** Il-Kunsillier Jean Paul ta' update fuq dawn.

**16.5.6 *Ħofra fi Triq ir-Rabat-*** Din għada ser isir.

**16.5.7 *Bins fi Triq Għajn Qasab-*** Dawn għadhom ma twaħlux.

**16.5.8 *Bozza Triq Andar*** – Il-Kunsill qed jistenna l-istima ta' din il-bozza.

***16.5.9 Rampa Triq Madre Gemma Camilleri u Triq ir-Rabat***- Dawn Lesti.

***16.5.10 Bozza fi Triq il-Qala u fi Triq tad-Duru-*** Il-Kunsill ma sabx post biex teħel il-Bozza f'dawn it-toroq.

***16.5.11 Sement taħt bankina fi Triq Xandriku u Triq it-Tigrija***- Dawn lesti.

***16.5.12 Projector***- Il-Kunsill xtara projector second hand għal l-uzu fis-sala peress li l-qadim mhux jaħdem sew. Kien hem qbil.

***16.5.12 1.5m yellow line fi Triq il-Qala-*** Il-Kunsill għamel it-talba.

***16.5.13 Sement fi Sqaq San Blas***- San Lest.

***16.5.14 Sement mal-ħajt fi Triq ta' Vnuta*** – Dan Lest.

***16.5.15 Sement f'San Blas fejn Triq il-Bajja***- Dan Lest.

**16.5.16 *Pendenti*** –Railings tal-Playing Field ta' San Blas, Street paint tat-Triq it-Tigrija, Patching fi Triq Fatima, Sement fi Triq ta' kenuna, Patching fi Triq Wied ir-Riħan, Ħamrija fil-Ġnien l-Indipendenza, Trab fil-Partita ta' San Blas, Sement fi Triq tax-Xini u Bankina fi Triq il-Madonna ta' Lourdes, Sement fi Sqaq ta' Majza, madum mal-bankina fi Triq San Gakbu.

**16.5.17 *Żviluppi dwar Talbiet minn Jean Paul Portelli:***

- Ħitan fi Triq Daħlet Qorrot- Fadal ħajt wieħed.

- Il-Bins fi Triq San Gakbu- Il-Kunsill qed ifittex fuq bins ta' kwalita tajba.
- Patching fi Triq Arcipriet Saver Cassar- Dan Lest.
- Zbir ta' sigar fi Triq Xandriku- Dan lest.
- Re-paint ta' sinjali fi Triq ta' Said u il-Pjazzetta Dun Martin Camilleri- Dawn Lesti.
- Festun fit-toroq fi zmien il-Covid-19- Dan lest.
- Pendenti: Il-Gibjun tal-Pjazza biex niċċekjaw jaħdimx u Ċint biex inżiedu xi ġebel.

**16.5.18** ***Żviluppi dwar Talbiet minn Joseph Vella***:

- Il-Bozza ta' Triq il-Knisja- din lesta.
- Disabled Parking fi Triq San Blas- Qed approval fuqha.
- Rigward ic-CCTV ta' quddiem skola qed naħdmu ma' Green Pak biex taħdem imma għadna bla risposta.
- Sement taħt il-bankina fi Triq San Koronatu – dan lest.
- Bins tal-latrina ta' Daħlet Qorrot- Dawn lesti.
- Triq il-Buskett- bgħatna reminder fuqha

**16.5.19** ***Żviluppi dwar Talbiet minn Josef Camilleri***:

- Ħajt fi Triq il-Qortin- ser inkomplu l'quddiem.
- Sement fi Triq il-Vnuta- Dan lest.
- Ħajt f'Daħlet Gazaman- Ser jibgħat ritratt il-Kunsillier ta' fejn.
- Pendenti: Sement fi Sqaq tad-Duru- Dan ser isir il quddiem.

16.5.20 ***Żviluppi dwar Talbiet minn Eucharist Camilleri***:

- Il-yellow lines fil-Pjazza San Pietru u San Pawl – Dawn ser isiru single yellow lines.
- Rigward is-sistema tal-Panelli qed nistennew risposta mingħand l-Inġinier u l-Enemalta.
- Patching fi Triq San Koronatu- Dan lest.

- Sement mal-bankijiet fil-Bajja ta' Daħlet Qorrot- Dan lest.
- Titranga l-ewwel targa ta' Għar Xfar fil-Bajja ta' Daħlet Qorrot- Dan għadu ma sarx.
- Ħaxix fi Triq Inzul il-Franċizi- Dan Lest.
- Restawr tal-Gibjun- Il-Kunsill bgħat e mail.
- Sement taħt bankina fi Triq tad-Duru- dan ix-xogħol sar.
- Pendenti: Sement fi Triq ir-Rabat, Patch fi Triq il-Knisja, u bini ta' Ħajt f'Daħlet Qorrot.

**16.6. Offerti Pubbliċi;**

***Service Tender for the collection of bulky refuse from the locality of Nadur, Gozo, in an environmentally friendly manner***:- Kien hemm offerta waħda ta' Nicholas Zammit bl- ammont ta' €6.90 excl. VAT/per call. Is-Sindku għamel mozzjoni fejn talab lil Kunsill japprova l-unika offerta bl-ammont totali ta' 24,325 euro fuq tlett snin dejjem suġġett tad-deċizzjoni tal-Bord tal-Evaluazjoni. Din il-mozzjoni ġiet sekondata minn Eucharist Camilleri u approvata mill-Kunsilliera kollha.

**16.7. Korrispondenza**

| | |
|---|---|
| 6654 | Email minghand Charles Mizzi rigward ktieb fuq in-Nadur |
| 6655 | Email minghand Michael Galea dwar ktieb tieghu- ***Il-Kunsill ser jixtru għaxar kopji u l-Viċi Sindku għamel suġġeriment li l'quddiem tajjeb jagħmel talks fil-Kunsill Lokali.*** |
| 6656 | Cirk. AKL 20/86- Presidency conference on sport |
| 6657 | Cirk. AKL 20/85-komunikazzjoni akl u ansek |
| 6658 | call requesting collaboration from Local Councils - prunning of Palms to be used in fisheries |
| 6659 | European mobility week 2020 |

| | |
|---|---|
| 6660 | Ittra minghand WSC dwar risposta fuq restawr tal-Gibjun li jinsab fi Triq Xandriku |
| 6661 | Cirk. AKL 20/83- workshop BOV fuq depoziti ta' Flus |
| 6662 | Cirk.2/20- use of private cars |
| 6663 | Cirk akl 20/ 78- kontroll fuq il-hamiem selvagg |
| 6664 | Cirk akl 20/81 korsijiet akreditati fuq livell minn MQF 4 sa MQF 7 |
| 6665 | PQ16020- Ministeru ghall-wirt Nazzjonali, l-arti u l-gvern Lokali- Haddiema barranin li qed jahdmu mal-Kunsilli Lokali |
| 6666 | Notifiki varji minghand il-Planning Authority fuq infurzar. |
| 6667 | Ittra minghand Joe Said dwar gheluq tat-toroq |
| 6668 | Proposta tat-twaqqif ta' Fondazzjoni ta' Ricerka, Promozzjoni u Priservazzjoni tal-Kult tal-Appostli San Pietru u San Pawl minghand Anthony Said |

***Rimarki mis-Sindku:***

Il-Kerbside Truck ser jiġi fis-26 ta' Awissu fil-Belvedere DC Cocco Palmeri.

Talba minn L-Għaqda tal-Presepji – Is-Sindku innota li jekk jippermettu d-direttivi tal-COVID-19 se issir exhibition f 'Dar Frangisk Grima bil-Kollaborazzjonoi tal-Kunsill Lokali tan-Nadur, bl-opening ikun fil-5 ta' Settembru fis-6pm fuq barra. L-Esibizzjoni ser ikun magħmul minn nisa minn Nadur li tikkonsisti f'arti, ritratti, ganutell, lewlu, suf, bizzilla, ħjata, tafal u mosaic. Il-Kunsill ser ikun jgħin bil-poster u inviti u repo zgħir u sanitisers. Kien hemm qbil fuq dan. Huma għamlu talba oħra għal fuljett zgħir mimli ritratti bhala sensiela mingħajr artikli, just spjegazzjoni. Il- Kunsill jgħin b'designer u photographer. Il-fuljett ikun b'massimu ta' għaxar faċċati u ikollna faċċata għal Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan ukoll.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Proposta minn Maria Finger- Din informat li hemm persuna lesta tagħmel *Workshop dwar Permaculture in dry land* għal bdiewa u l-pubbliku generali li ma għandhomx ilma fl-għelieqi tagħhom. Kien hemm qbil dwar dan il-*workshop.*

Talba mingħand il-board tal-ismijiet tat-toroq biex tinbiddel isem minn parti ta' Triq tad-Duru għal Xini. Kien hemm qbil li l-Kunsill igib aktar kjarifiki qabel jiddeciedi.

**16.8 Żviluppi dwar Proġetti u Xogħolijiet Oħra.**

**16.8.1 Triq ir-Ramla l-Qadima** – Inbeda ix-xogħol fuq servizzi tal-ilma fuq din it-triq.

**16.8.2 Triq Daħlet Qorrot** – Il-Ħajt waqa u qed nistennew intervent mingħand il-MGOZ.

**16.8.3 Railings ta' Kenuna-** Dawn lesti u ser jitwaħħlu meta titlesta t-triq.

**16.8.4 Maintenance tad-Dawl:**

- **Ta' Kenuna** – dan għandu pending.
- **San Blas** – dan għandu pending.
- **Pjazza San Pietru u San Pawl** – dan għandu pending.
- **Playing Field tal-Ħali** – dan għadu pending.
- **Latrina Daħlet Qorrot**- Din qed tixgħel.
- **Salib fi Triq ir-Rabat**- dan għadu pending.
- **Il-monument ta' l-iskola**- dan għadu pending.
- **Il-Portiku tal-Knisja** – dan għadu pending.

**16.8.5 Maintenance Generali:-**

- **Railings Ġnien il-Kunsill**- ser nibdew biz-zebgħa il quddiem.
- **Cameras fil-Ġnien il-Kunsill**- Ser isir trinka minn gewwa.
- **Gnien tal-Ħali** – qed jiħi irrangati l-bandili u see saw.

- **Pending:** It-tabella tal-Merħba, il-Festun tal-fiss fil-Pjazzetta; Il-Monument tal-FECC u ir-railing; Il-Fossa ta' Ġnien il-Kunsill u l-Bus shelter tal-Pjazza.
- **DPF Funding** – Ser tingħata priorita' lil Belvedere Triq ir-Ramla u Green Wall fi Triq tax-Xhajma. Il-Kunsill ser jibda jaħdem fuq dokumenti din is-sena biex jibdew dawn il-proġetti fis-sena 2021. Wara li jkun hem pjan għal dawn il-kunsill jimxi bi prioritajiet oħra. Kien hemm qbil bejn kullhadd.
- **Toroq BOQs**: Is-Sindku pprepara rapport tat-toroq lil Kunsilliera fuq l-istat ta' Kull Triq. Dan ir-rapport ser jiġi anness ma dawn il-minuti. Kien hemm qbil bejn kullhadd li l-Kunsill jagħmel talba formali lil MGOZ fuq l-ewwel sitt toroq li hemm fir-rapport li huma ta' proprota'- Triq l-Emigranti, Triq DC Cocco palmeri, Triq San Guzepp, Triq Wied ir-Rihan, Parti minn Triq Daħlet Qorrot, Triq ta' Sopu sa Bingemma.
- **Pjanċi tal-pjanti ta' Ġnien ta' Kenuna**- Il-Kunsill qed jistenna minn naha tal-Eco Gozo fuq dawn.

**16.9. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Socjali**

**16.9.1 Attivita' librerija:** din għandha pending.

**16.9.2 Ħbiberija ma' Ħad Dingli:** Din l-attivita' għadha posposta.

**16.8.3 Charter tal-Librerija:** Il-Viċi Sindku ta update li ser ikunu qed jimlew applikazzjoni u ser ikun hemm laqgħa il-Gimgħa biex jikonkludu biex jimlew l-applikazzjoni**.**

**16.8.4 Safra Cicciano:** Il-flus tal-Easyjet daħħlu u issa qed jidħlu tar-Ryanair.

**16.8.5. Għeluq tal-Pjazza u Triq Diċembru 13-** Din intlaqet tajjeb ħafna mir-residenti u ħwienet. Ġie deċiz li l-Kunsill iwaqqaf il-bands minħabba is-sitwazzjoni tal-Covid-19.

**16.8.6 Monti**- Ġie deċiz li dan jibqa jsir peress li m'hemmx direttivi li jitwaqqaf minħabba Covid-19. Il-Kunsill ser jibgħat ittra lil bejjiegħa tal-monti peress li mhux qed jieħdu l-prekawzjonijiet

neċessarji minħabba l-Covid-19. Il-Kunsill ikollu iwaqqaf l-monti jekk ma jieħdux il-prekawzjonijiet kollha meħtiega bil-liġi. Kien hemm qbil fuq dan.

**16.8.7 Permessi tal-attivitajiet tas-sajf**- Ġie maqbul li l-Kunsill ma joħrog l-ebda permess fuq attivitajiet minħabba l-Covid-19.

**16.8.8- Halloween u Nadur 8K**- Kien hemm qbil li l-Kunsill jibqa' jaħdem fuq in-Nadur 8k u jiġu ordnati l-medalji mingħajr dati. Rigward il-Halloween ġie maqbul li ma jsir l-ebda preparamenti minħabba l-Covid-19.

**16.10 Ġieħ in-Nadur**

Kien hemm tlett applikazzjonijiet ta' nominazzjonijiet:-

- Carmel Bingemma li ġie nominat minn Dun Ruben
- John Debono li ġie nominat minn il-Kunsillier Jean Paul Portelli
- Sorijiet Frangiskani tan-Nadur li ġew nominati minn Raymond Vella

Kien hemm vot sigriet u l-Kunsillier Jean Paul ma setax jivvota peress li għamel nominazzjoni.

Il-voti ġew 2 favur is-Sorijiet franġiskani tan-Nadur u 2 favur John Debono. Peress li dawn ġew daqs xulxin intuza l-casting vote tas-Sindku kif kien stipulati fir-regolamenti u b'hekk l-Premju Gieħ in-Nadur ser jingħata lis-Sorijiet Franġiskani tan-Nadur.

**16.12.Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

**16.12.1 Rikjesti mis-Sindku:**

- Talba għal Yellow lines Triq il-Buskett. Kien hemm qbil.
- Talba għal bankina fi Triq il-Qiegha. Kien hemm qbil.
- Talba għal bankina fi Triq Xjuf ir-Riħ. Kien hemm qbil.
- Talba għal repaint ta' sinjali fi Triq Grunju u Triq ir-Rabat. Kien hemm qbil.
- Talba għal sement mar-rampa fi Triq it-Tigrija.
- Talba għal gate fi  sqaq tal- pjazzetta. Kien hemm qbil.

- Talba għal Do not enter signs mal barriers. Kien hemm qbil.
- Talba biex nixtru power wash. Kien hemm qbil.
- Talba biex titranga bankina bis-sement fi Triq it-Tigrija. Kien hemm qbil.
- Talba għal Unloading Bay quddiem supermarket fi Triq ir-Ramla. Kien hemm qbil li tintbgħat talba lil TM.
- Talba għal garbage drums fl-għelieqi ta' San Blas. Kien hemm qbil.
- Talba għal bin fi Triq San Blas. Ħdejn stage tal- Weraq.Kien hemm qbil.
- Talba għal passaġġ bil-kantuni fil-Bajja San Blas – Ser naraw mal-Perit fuq dan.
- Talba biex titeħħa l-glass bin minn Xandriku. Kien hemm qbil li isir talba lil Green pak.

**16.12.2 Rikjesti mill-Viċi Sindku:**

- Talba minħabba li qed jipparkjaw quddiem residenza fi Pjazza 28 t'April 1688. Il-kunsill ser jara fuq dan x'jista jsir.
- Talba biex titranga totem fi Ġnien il-Kunsill. Kien hemm qbil li titranga.
- Talba biex jinbena ħajt tad-Duru li waqa. Kien hemm qbil.

**16.12.3 Rikjesti mill-Kunsillier Joseph Vella:**

- Talba għal bollard fi sqaq ta' Triq ta' Majza. Kien hemm qbil fuq dan.

**16.12.4 Rikjesti mill-Kunsillier Jean Paul Portelli**:

- Talba għal yellow lines fi Triq Xandriku. IL-Kunsill diga għamel din it-talba li TM.
- Talba għal repaint fi Triq il-Qala.
- Talba biex jinqata' ħaxix fi Triq Grunju.

**16.12.5 Rikjesti mill-Kunsillier Josef Camilleri:**

- Talba għal repaint fi Triq tad-Duru.

**16.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILL LOKALI NADUR**

Il-laqgħa spiċċat fit-8:00p.m. Il-Kunsill kollu qabel li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis 3 t'Settembru, 2020 fl-4:30pm.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva